IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-UNJONI EWROPEA

**Sentenzi** tal-Qorti Ġenerali
fil-Kawżi T-115/23 | Debreceni Egyetem vs Il-Kunsill, T-132/23 | Óbudai Egyetem vs Il-Kunsill, T-133/23 | Állatorvostudományi Egyetem vs Il-Kunsill, T-138/23 | Semmelweis Egyetem vs Il-Kunsill, T-139/23 | Miskolci Egyetem vs Il-Kunsill u T-140/23 | Dunaújvárosi Egyetem vs Il-Kunsill

Stqarrija għall-istampa Nru 136/26
Il-Lussemburgu, 30 ta' Settembru 2026

# L-Istat tad-dritt: il-Qorti Ġenerali tiċħad ir-rikorsi ppreżentati minn sitt universitajiet Ungeriżi kontra l-projbizzjoni li jiġu ffinanzjati, mill-baġit tal-Unjoni, trusts ta' interess pubbliku jew entitajiet miżmuma minn tali trusts

*F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali tispjega l-kundizzjonijiet għall-adozzjoni ta' miżuri ta' protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni meħuda fuq il-bażi tar-Regolament dwar il-kundizzjonalità marbuta mal-Istat tad-dritt*

Fl-2021, id-drittijiet kostitutivi u ta' ġestjoni tal-parti l-kbira tal-istabbilimenti ta' edukazzjoni ogħla Ungeriżi, li qabel kienu miżmuma mill-Istat, ġew ittrasferiti lil trusts ta' interess pubbliku.

Sabiex jipproteġi l-baġit tal-Unjoni kontra ksur tal-prinċipji tal-Istat tad-dritt fl-Ungerija, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta, skont ir-Regolament dwar il-kundizzjonalità marbuta mal-Istat tad-dritt [1], deċiżjoni [2] li tinkludi, fost affarijiet oħra, dispożizzjoni li tipprojbixxi lill-Kummissjoni Ewropea milli tidħol, fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni, f'impenji legali ma' trusts ta' interess pubbliku jew ma' entitajiet miżmuma minn tali trusts.

F'dan il-kuntest, sitt universitajiet Ungeriżi talbu lill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tannulla din id-dispożizzjoni. Huma invokaw motivi li, fil-parti l-kbira tagħhom, kienu analogi, għalkemm uħud minnhom ma tqajmux fir-rikorsi kollha. Dawn il-motivi kienu bbażati, b'mod partikolari, fuq in-nuqqas ta' kompetenza tal-Kunsill sabiex jadotta d-dispożizzjoni kkontestata (T-115/23), fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni (T-132/23 u T-138/23), fuq ksur tar-Regolament dwar il-kundizzjonalità marbuta mal-Istat tad-dritt, u b'mod partikolari fuq l-assenza ta' ksur individwali tal-prinċipji tal-Istat tad-dritt mill-entitajiet konċernati (T-132/23 u T-138/23) u fuq l-assenza ta' rabta bejn ksur potenzjali tal-prinċipji tal-Istat tad-dritt u l-impatt tiegħu fuq il-baġit tal-Unjoni (T-132/23 u T-138/23), fuq ksur tal-prinċipju tal-proporzjonalità, fuq ksur tal-libertà akkademika 3 (T-115/23) u fuq ksur tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi u tal-Artikoli 165 u 179 TFUE (T-115/23).

**Il-Qorti Ġenerali tiċħad is-sitt rikorsi għal annullament.**

L-ewwel nett, fir-rigward tal-allegat **nuqqas ta' kompetenza min-naħa tal-Kunsill sabiex jadotta d-dispożizzjoni kkontestata**, il-Qorti Ġenerali tiddeċiedi li l-Kunsill kien eżerċita l-kompetenza esklużiva tiegħu fir-rigward tal-istabbiliment u tal-implimentazzjoni tal-baġit, u mhux kompetenza fil-qasam tal-edukazzjoni u tar-riċerka. Barra minn hekk, peress li l-Unjoni għandha fi kwalunkwe każ kompetenza ta' appoġġ u kompetenza kondiviża f'dawn l-oqsma, hija neċessarjament għandha l-kapaċità tissospendi provviżorjament l-implimentazzjoni tal-baġit tagħha relatat mal-programmi, bħalma huma Erasmus+ u Horizon Europe, fir-rigward ta' ċerti Stati Membri, b'mod partikolari fil-każ ta' ksur tal-prinċipji tal-Istat tad-dritt.

It-tieni nett, fir-rigward tal-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, il-Qorti Ġenerali tirrileva li **l-Kunsill espona b'mod suffiċjentement iddettaljat ir-raġunijiet għaliex ġiet adottata d-dispożizzjoni kkontestata**. Mid-deċiżjoni tiegħu jirriżulta li l-ksur tal-prinċipji tal-Istat tad-dritt jinsab **f'sitwazzjoni ta' fatt u fil-qafas regolatorju Ungeriż**, li ma jipprekludix lill-uffiċjali f'pożizzjoni għolja, inklużi l-uffiċjali politiċi f'pożizzjoni għolja, milli jpoġġu fuq il-bordijiet tat-

tmexxija tat-trusts ta’ interess pubbliku. Il-Kunsill jifhem dan il-ksur mill-perspettiva tal-prinċipju ta’ ċertezza legali, tal-projbizzjoni tal-arbitrarjetà tal-poter eżekuttiv u tal-prinċipju ta’ separazzjoni tal-poteri, u huwa kkonkretizzat, f’dan il-każ, mill-eżistenza ta’ eventwali kunflitti ta’ interessi.

It-tielet nett, fir-rigward tal-ksur tar-Regolament dwar il-kundizzjonalità marbuta mal-Istat tad-dritt, il-Qorti Ġenerali tfakkar, qabelxejn, li **l-qorti tal-Unjoni teżerċita stħarriġ sħiħ f’dan il-każ**, b’mod partikolari, fuq il-kundizzjonijiet għall-adozzjoni tal-miżuri ta’ protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni.

Sussegwentement, fir-rigward tal-**eżistenza ta’ ksur tal-prinċipji tal-Istat tad-dritt**, il-Qorti Ġenerali tqis li r-Regolament dwar il-kundizzjonalità marbuta mal-Istat tad-dritt jirrigwarda kemm il-ksur individwali tal-prinċipji tal-Istat tad-dritt kif ukoll il-ksur sistemiku. Issa, hija tikkonstata li, f’dan il-każ, il-ksur huwa ta’ natura sistemika peress li jirriżulta **min-nuqqas ta’ kapaċità, mill-impossibbiltà jew min-nuqqas sistemiku ta’ rieda min-naħa tal-Ungerija li tipprevjeni li d-deċiżjonijiet jittieħdu bi ksur tal-liġi applikabbli fil-qasam tal-kunflitti ta’ interessi**. Għalhekk, hija tikkonkludi li l-konstatazzjoni dwar l-eżistenza ta’ ksur tal-prinċipji tal-Istat tad-dritt ma kinitx teħtieġ l-istabbiliment ta’ ksur individwali u li dan il-ksur kien ġie stabbilit b’mod suffiċjenti fid-dritt.

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali tqis li **teżisti rabta reali u suffiċjentement diretta bejn il-ksur tal-prinċipji tal-Istat tad-dritt u l-impatt tiegħu fuq il-baġit tal-Unjoni** (T-138/23 u T-132/23). Fil-fatt, it-trusts ta’ interess pubbliku u, għaldaqstant, l-uffiċjali f’pożizzjonijiet għola u l-uffiċjali politiċi f’pożizzjoni għolja li jpoġġu fuq il-bordijiet tat-tmexxija tagħhom, għandhom setgħat kunsiderevoli fuq il-kwistjonijiet baġitarji, operazzjonali u organizzattivi tal-istabbilimenti ta’ edukazzjoni ogħla, bħalma huma r-rikorrenti. Għalhekk hemm riskju reali u serju li l-għażla tal-iżvilupp ta’ programmi, ta’ taħriġ universitarju, ta’ proġetti ta’ riċerka u ta’ żvilupp iffinanzjati mill-Unjoni kif ukoll is-selezzjoni tal-persunal ikunu direttament influwenzati politikament. B’mod iktar partikolari, il-Qorti Ġenerali tikkonstata li, fir-rigward tal-programmi Erasmus+ u Horizon Europe, it-trusts ta’ interess pubbliku jista’ jkollhom rwol fil-ħlas tal-fondi tal-Unjoni lill-benefiċjarji finali. B’mod iktar partikolari, fil-kuntest tal-programm Erasmus+, jeżisti riskju li kunflitti ta’ interessi jinterferixxu mas-selezzjoni tal-istudenti benefiċjarji, b’mod partikolari mal-għażla u mar-rikonoxximent reċiproku tal-korsijiet eliġibbli segwiti fi Stati Membri oħra, u b’hekk jintroduċu f’dan il-proċess ta’ selezzjoni kunsiderazzjonijiet li jmorru lil hinn mill-evalwazzjoni tal-mertu akkademiku. Fid-dawl tal-omnipreżenza tal-kontroll politiku u tar-riskju ta’ kunflitti ta’ interessi, il-Kunsill afferma quddiem il-Qorti Ġenerali li l-proċessi interni kollha, il-proċeduri universitarji kollha u l-istrutturi ta’ governanza kollha involuti fl-użu tal-fondi tal-Unjoni jistgħu jiġu influwenzati esternament, u dan jista’ jwassal għal użu mhux xieraq tal-fondi tal-Unjoni. Issa, il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni teħtieġ li r-riżorsi finanzjarji tagħha ma jintużawx sabiex jiġu ffinanzjati entitajiet li l-funzjonament tagħhom jikser il-prinċipji tal-Istat tad-dritt.

Ir-raba’ nett, fir-rigward tal-**proporzjonalità** tad-dispożizzjoni kkontestata, il-Qorti Ġenerali tirrileva li din tal-aħħar hija proporzjonata u tippermetti li jintlaħaq l-għan ta’ interess ġenerali ta’ protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni. Il-Qorti Ġenerali tfakkar, qabelxejn, li l-għan tar-Regolament dwar il-kundizzjonalità marbuta mal-Istat tad-dritt huwa li jipproteġi l-baġit tal-Unjoni u mhux, fih innifsu, li jissanzjona ksur tal-prinċipji tal-Istat tad-dritt fi Stat Membru. Sussegwentement, hija tqis li ma ġiex stabbilit li kienet teżisti miżura oħra inqas restrittiva li kienet tippermetti li jintlaħaq dan l-għan. Fil-fatt, id-dispożizzjoni kontenzjuża tapplika biss għall-impenji legali ġodda, mingħajr ma tipproduċi effetti fuq il-programmi diġà għaddejjin fid-data tad-dħul fis-seħħ tagħha. Barra minn hekk, l-universitajiet Ungeriżi li ma humiex miżmuma minn trusts ta’ interess pubbliku, kif ukoll l-istudenti, l-għalliema u r-riċerkaturi tagħhom, jibqgħu eliġibbli għal programmi ta’ edukazzjoni u ta’ riċerka ffinanzjati mill-Unjoni. Għaldaqstant, l-allokazzjoni globali tal-fondi ma hijiex affettwata. Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali tiċħad l-argument li l-impatt potenzjali fuq id-destinatarji finali u fuq il-benefiċjarji ma tteħidx inkunsiderazzjoni. Dan it-teħid inkunsiderazzjoni jirriżulta b’mod partikolari mill-fatt li d-dispożizzjoni kkontestata hija l-inqas ta’ tfixkil għall-programmi diġà għaddejjin fid-data tad-dħul fis-seħħ tagħha u mill-fatt li ma taffettwax l-obbligi tal-Ungerija dwar l-eżekuzzjoni tal-programmi u tal-fondi kkonċernati, b’mod partikolari fir-rigward tad-destinatarji finali u tal-benefiċjarji.

Il-ħames nett, il-Qorti Ġenerali tqis li **l-miżura inkwistjoni ma tiksirx il-libertà akkademika**. F’dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali tfakkar li din il-libertà timplika rekwiżit ta’ awtonomija tal-istabbilimenti ta’ edukazzjoni ogħla fir-rigward tal-awtoritajiet pubbliċi u b’mod partikolari fir-rigward tal-poter eżekuttiv. Issa, f’dan il-każ, hija tikkonkludi li d-dispożizzjoni kkontestata tikkostitwixxi **miżura ta’ natura finanzjarja** u ma tinkludi **ebda projbizzjoni jew preskrizzjoni dwar l-attivitajiet akkademiċi jew xjentifiċi tal-imsemmija stabbilimenti**. Għalhekk, il-fatt li l-Istati Membri jistgħu, fil-każ ta’

ksur gravi tal-prinċipji tal-Istat tad-dritt, inkluż fl-eżerċizzju tal-kompetenza tagħhom fil-qasam tal-organizzazzjoni tal-edukazzjoni ogħla, tat-taħriġ professjonali u tar-riċerka u l-iżvilupp, ikunu suġġetti għal miżuri korrettivi ma jikkostitwixxix, bħala tali, ksur tal-libertà akkademika. Fil-fatt, il-fatt li jiġu rrifjutati riżorsi finanzjarji lil organu ta' riċerka u ta' tixrid tal-għarfien, bħalma huma università jew istitut ta' riċerka, jew inkella lil riċerkaturi jew lil gruppi ta' riċerka ma jikkostitwixxix, bħala tali, preġudizzju għal-libertà akkademika jew restrizzjoni ta' din il-libertà, sa fejn deċiżjoni ta' rifjut li jingħataw riżorsi finanzjarji tkun ibbażata fuq kunsiderazzjonijiet xjentifiċi jew fuq linji gwida ta' politika ta' edukazzjoni u ta' riċerka u ta' żvilupp stabbiliti mil-leġiżlatur, jew tirriżulta minn għanijiet ta' interess ġenerali stabbiliti b'mod ċar mil-liġi. Fi kwalunkwe każ, il-Qorti Ġenerali tenfasizza li, anki li kieku kienet tippreġudika l-libertà akkademika, id-dispożizzjoni kkontestata kienet tkun iġġustifikata u proporzjonata fid-dawl tal-għan ta' protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni. Barra minn hekk, id-dispożizzjoni kkontestata tikkontribwixxi sabiex titħares l-awtonomija tal-istabbilimenti billi tnaqqas il-possibiltajiet għal indħil arbitrarju mill-poter eżekuttiv fl-organizzazzjoni tagħhom, u **b'hekk tikkontribwixxi għall-osservanza stess tal-libertà akkademika u tal-prinċipji tal-Istat tad-dritt**.

Is-sitt nett, fir-rigward tal-ksur tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi u tal-Artikoli 165 u 179 TFUE, il-Qorti Ġenerali tiċħad dan il-motiv. Fir-rigward tal-**libertà li jiġu pprovduti servizzi**, hija tfakkar li għalkemm il-ġurisprudenza eskludiet mill-kunċett ta' "servizzi" l-korsijiet mogħtija minn ċerti stabbilimenti ta' edukazzjoni pubblika ffinanzjati minn fondi pubbliċi, il-Qorti tal-Ġustizzja madankollu inkludiet dawk mogħtija minn stabbilimenti ta' edukazzjoni ffinanzjati, essenzjalment, minn fondi privati. Issa, f'dan il-każ, ebda element imqajjem ma ppermetta lill-Qorti Ġenerali tiddetermina jekk l-attivitajiet ta' edukazzjoni u ta' riċerka tal-istabbilimenti ta' edukazzjoni ogħla kinux essenzjalment iffinanzjati minn fondi privati. Għalhekk, il-Qorti Ġenerali tikkonkludi li l-imsemmija attivitajiet ma humiex "servizzi" fis-sens tal-Artikolu 57 TFUE. Fi kwalunkwe każ, anki jekk dawn kienu servizzi jew jekk kien hemm restrizzjoni jew ostakolu għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, il-Qorti Ġenerali tirrileva li **d-dispożizzjoni kkontestata għandha għan ta' interess ġenerali u hija proporzjonata**.

Fir-rigward tal-**Artikoli 165 u 179 TFUE**, il-Qorti Ġenerali tindika li ma huwiex possibbli li dawn jiġu invokati f'dan il-każ peress li dawn id-dispożizzjonijiet ma jikkostitwixxux dispożizzjonijiet ta' applikazzjoni ġenerali ta' natura trażversali. Għalhekk, id-diversi elementi, għanijiet u azzjonijiet elenkati f'dawn l-artikoli ma għandhomx jittieħdu inkunsiderazzjoni b'mod vinkolanti fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE dwar il-prinċipju fundamentali ta' moviment liberu. Madankollu, il-Qorti Ġenerali tenfasizza li l-prinċipju fundamentali ta' moviment liberu huwa partikolarment importanti fil-qasam tal-edukazzjoni u tar-riċerka xjentifika u tal-iżvilupp teknoloġiku, b'mod partikolari, fil-kuntest tal-għan li tinkiseb żona Ewropea tar-riċerka li fiha r-riċerkaturi, l-għarfien xjentifiku u t-teknoloġiji jiċċirkolaw liberament. Il-Qorti Ġenerali tippreċiża li, peress li ħolqot u tiffinanzja l-programmi Erasmus+ u Horizon Europe, l-Unjoni ma għandhiex sempliċement tiżgura li l-allokazzjoni jew l-irtirar ta' boroż ta' studju u ta' programmi maħsuba sabiex jiffaċilitaw il-mobbiltà u l-moviment liberu tal-benefiċjarji ta' dawn il-programmi ma joħolqux restrizzjoni mhux iġġustifikata għad-drittijiet ta' kooperazzjoni libera lil hinn mill-fruntieri, ta' ċirkolazzjoni u ta' residenza fit-territorju tal-Istati Membri. Hija għandha tiżgura wkoll li l-pajjiżi li jibbenefikaw minn fondi taħt il-programmi Erasmus + u Horizon Europe josservaw il-libertà akkademika sabiex tiġi żgurata l-eċċellenza xjentifika u akkademika.

**NOTA:** Ir-rikors għal annullament huwa intiż għall-annullament tal-atti tal-istituzzjonijiet, tal-korpi u tal-organi tal-Unjoni li jmorru kontra d-dritt tal-Unjoni. Taħt ċerti kundizzjonijiet, l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej u l-individwi jistgħu jippreżentaw rikors għal annullament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jew quddiem il-Qorti Ġenerali, skont il-każ. Jekk ir-rikors ikun fondat, l-att jiġi annullat. L-istituzzjoni kkonċernata jkollha tirrimedja eventwali lakuna legali maħluqa mill-annullament tal-att.

**NOTA:** Appell, limitat għal kwistjonijiet ta' liġi, jista' jiġi ppreżentat, quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, mid-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, f'terminu ta' xahrejn u għaxart ijiem min-notifika tagħha.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-media, li ma jorbotx lill-Qorti Ġenerali. Il-preżentazzjoni tal-fatti u tal-kuntest ġuridiku tirrifletti s-sitwazzjoni fiż-żmien rilevanti u hija bbażata fuq il-proċess tal-kawża.

It-test sħiħ u, jekk ikun il-każ, is-sunt tas-sentenzi (T-115/23, T-132/23, T-133/23, T-138/23, T-139/23 u T-140/23) huma

ppubblikati fis-sit CURIA dakinhar li jingħataw.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ✆ (+352) 4303 3355.

Immaġni tal-għoti tas-sentenzi huma disponibbli fuq "Curia Web TV" kif ukoll fuq "Europe Broadcasting Service" ✆ (+ 32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!

[1] Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni.

[2] Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2506 tal-15 ta' Diċembru 2022 dwar miżuri għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni mill-ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt fl-Ungerija.

[3] Artikolu 13 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.